MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## RAYMOND C. PACE

Seduta tas-26 ta' Gunju, 2008

Citazzjoni Numru. 712/1998/1

**Salvatore Abela.**

**vs**

**Awtorita` Dwar it-Trasport Pubbliku, Ministru tat-Trasport u Portijiet, Kummissarju tal-Pulizija u d-Direttur tal-Licenzji.**

**Il-Qorti,**

**<u>I. PRELIMINARI.</u>**

Rat ic-citazzjoni attrici datata 6 ta’ April 1998 a fol. 1 tal-process, u pprezentata quddiem din il-Qorti kif hekk presjeduta fejn gie premess:-

Illi l-attur huwa sid il-vettura tat-tip *minibus* li originarjament kienet iggib n-numru tar-registrazzjoni G-

7702 kif jirrizulta mid-dokument hawn anness u markat Dok. “A”;

Illi meta kienu nhargu regolament godda s-sidien tal-*minibuses* gia` registrati kellhom japplikaw sabiex jinghataw pjanci godda bl-ittra “Y” u di fatti l-attur hekk ghamel u gie lilu assenjat n-numru Y-2337 ghal din il-vettura tat-tip *minibus*;

Illi minkejja l-fatt illi l-attur ghamel l-applikazzjoni necessarja liema applikazzjoni giet approvata bl-ghotja tan-numru fuq indikat, xorta wahda l-konvenuti qeghdin icahdu lill-attur milli jopera l-imsemmija vettura billi qeghdin jirrifjutaw li jaghtuh il-pjanci relattivi sabiex jitwahhlu fuq il-vettura u li jaghtuh il-*log book* relattiv bin-numru l-gdid;

Illi minhabba dan l-agir da parti tal-konvenuti l-attur qieghed isofri danni ngenti f’telf ta’ negozju u qliegh;

Illi ricentament l-attur gie nformat illi ghalkemm l-applikazzjoni tieghu kienet giet approvata bl-ghotja tan-numru fuq imsemmi xorta wahda mhux ser jinghata l-permess relattiv billi ghal xi raguni jew ohra l-*file* tieghu ma jistax jinsab;

Illi l-attur ma jistax ibati minhabba dan in-nuqqas tal-konvenuti u ma jistax jigi lilu michud dak li ottjena minhabba nuqqas burokratiku;

Illi l-konvenuti gew interpellati permezz ta’ protest prezentat fl-4 ta’ Dicembru 1997 sabiex jaghtu lill-atturi dak kollu mehtieg sabiex ikun jista’ jopera l-vettura *minibus* bin-numru tar-registrazzjoni Y-2337 pero` baqghu inadempjenti;

Illi ghalhekk kellha tigi pprezentata din il-kawza.

Illi ghalhekk l-istess attur talab lill-konvenuti jghidu ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex:-

1. Tordna lill-konvenuti jirrilxxaw a favur tal-attur dak kollu necessarju sabiex l-attur ikun jista’ jopera l-*minibus* numru Y-2337;

2. Tillikwida d-danni sofferti mill-attur minhabba l-agir tal-konvenut *occorrendo* bin-nomina ta’ perit nominandi;

3. Tikkundanna lill-konvenuti jhallsu lill-attur dik is-somma hekk likwidata *in linea* ta’ danni;

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-protest tal-4 ta’ Dicembru 1997, kontra l-konvenuti li huma minn issa ngunti in subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni ta’ l-attur a fol. 3 tal-process;

Rat il-lista tax-xhieda u dokument esebit u mmarkat bhala Dok. “A” a fol. 4 u 5 tal-process;

Rat li din il-kawza kienet appuntata ghas-smigh ghas-seduta tal-5 ta’ Novembru 1998.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenuti, tal-Ministru tat-Trasport u Portijiet, il-Kummissrju tal-Pulizija u d-Direttur tal-Licenzji datata 3 ta’ Settembru 1998 a fol. 17 u 18 tal-process fejn gie eccepit:-

(1) Illi fl-ewwel lok, il-Ministru tat-Trasport u Portijiet mhux legittimu kontradittur ghat-talbiet ta’ l-attur billi hu m’ghandux il-mansjoni li jmexxi l-amministrazzjoni gornaljera tad-Dipartimenti tal-Gvern jew ta’ xi awtorita` pubblika li huma addetti ghall-hrug ta’ licenzja ta’ *minibuses*

(2) Illi fit-tieni lok ma jirrizultax lill-eccipjenti l-ohra li l-attur qatt gie assenjat in-numru Y-2337 kif qed jigi allegat jew li huwa qatt ghamel applikazzjoni maghhom ghall-hrug ta’ licenzja ta’ *minibus*. Fil-fatt dan in-numru ilu zmien assenjat lill-terzi li applikaw regolarment ghal-licenzja relattiva. Billi ghadu validu l-principju li *ei qui allegat incumbit probatio* l-attur ghandu jgib prova f’din is-sede biex jissufraga d-dikjarazzjonijiet tieghu – haga li qatt ma

ghamel meta intalab jissostanzja l-allegazzjonijiet tieghu ma’ l-eccipjenti.

(3) Illi mkien ma jirrizulta lill-eccipjent li huma qatt accettaw xi applikazzjoni ta’ l-attur fis-sens li qed jivannta.

(4) Illi fi kwalunkwe kaz f’materja ta’ trasport pubbliku, skond il-ligi, kemm il-Kummissarju tal-Pulizija kif ukoll id-Direttur tal-Licenzji ma jistghux jirregistraw jew jillicenzjaw vetturi jekk mhux bl-approvazzjoni espressa ta’ l-Awtorita` tat-Trasport Pubbliku. Illi huma qatt ma ntalbu minn din l-Awtorita` biex b’xi mod jillicenzjaw lill-attur kif qed jippretendi hu.

(5) Illi subordinatament ghall-premess, il-kawza ta’ l-attur hija essenzjali azzjoni biex jigi mistharreg l-ghemil amministrattiv ta’ l-eccipjenti. Dan l-artikolu jaghti biss is-setgha lill-Qorti li tiddikjara l-ghemil amministrattiv null, invalidu u minghajr effett. Il-Qorti ma tistax tordna dak li qed jintalab mill-attur ghaliex il-funzjoni taghha mhix ta’ appell minn decizjonijiet amministrattivi/esekuttivi, izda wahda ta’ sharrig (*review*) li tista’ twassal biss, jekk ikun il-kaz, ghall-dikjarazzjoni ta’ invalidita` ta’ l-esercizzju tad-diskrezzjoni amministrattivi.

(6) Illi l-**artikolu 469A (5) tal-Kap 12** jipprovdi li talba ghall-hlas tad-danni msejsa fuq ir-responsabbilita` allegata ta’ l-eccipjenti f’delitt jew kwazi delitt li jistghu jiskaturixxu mill-att amministrattiv, m’ghandhiex tintlaqa` mill-Qorti, minkejja annullament ta’ att amministrattiv, jekk ma jigix ippruvat li huma agixxew *in male fede* jew b’mod mhux ragonevoli.

(7) Illi l-eccipjenti mux talli qed jagixxu *in buona fede* izda talli fil-konfront ta’ l-attur lanqas biss hemm rifjut ghal xi applikazzjoni tieghu billi qatt ma irrizultalhom li huwa b’xi mod gie mwieghed minn xi awtorita` licenzja ghall-*minibus*.

(8) Ghalhekk it-talbiet kollha ta’ l-attur huma manifestament infondati fil-fatt u fid-dritt.

Salvi eccezzjonijiet ohra permessi mil-ligi.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenuti l-Ministru tat-Trasposrt u Portijiet, tal-Kummissarju tal-Pulizija u tad-Direttur tal-Licenzja u l-lista tax-xhieda ta’ l-istess konvenuti a fol. 19 u 20 tal-process.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenut Awtorita` dwar it-Trasport Pubbliku datata 29 ta’ Dicembru 1998 a fol. 25 tal-process fejn gie eccepit:-

1. Illi mhux minnu li l-attur gie assenjat in-numru Y-2337 tant li dan jappartjeni lil terz.

2. Illi mhux minnu li l-eccipjenti xi darba nformah li approva l-applikazzjoni tieghu u certament mhux obbligat jaghtih il-permess relattiv.

3. Illi sta ghall-attur jipproduci d-dokumenti relattivi u certament ma kienx l-eccipjenti li kellu l-*file* mitluf.

Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat n-nota tal-21 ta’ Mejju 1999 bl-affidavits ta’ l-attur u ta’ Joseph Urrey datati 20 ta’ Mejju 1999 (fol.

Rat il-verbali tas-seduti kollha mizmuma nkluz dak tas-17 ta’ Jannar 2008 fejn il-kawza giet differita ghas-sentenza ghas-26 ta’ Gunju 2008

Rat in-nota ta’ osservazzjonijiet attrici datata 15 ta’ Frar 2008 u dik tal-konvenuti l-Ministru tat-Trasport, tal-Kummissarju tal-Pulizija u tad-Direttur tal-Licenzji datata 8 ta’ April 2008.

Rat ix-xhieda kollha hemm moghtija.

Rat l-atti kollha tal-kawza nkluzi dawk pprezentati mill-partijiet.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## <u>II. KONSIDERAZZJONIJIET.</u>

Illi l-attur qed jallega li huwa sid tal-*minibus* li kellha n-numru tar-registrazzjoni G-7702 (Dok. “A”) u li meta kienu nhargu r-regolamenti godda s-sidien tal-*minibuses* gia` registrati kellhom japplikaw sabiex jinghataw pjanci godda bl-ittra “Y” u jghid li huwa hekk ghamel u tant li gie assenjat lilu n-numru Y-2337 ghal din it-tip *minibus*, izda minkejja dan jghid li l-konvenuti baqghu ma tawhx il-pjanci u l-*log book* relattiv, u minkejja li “ricentement” gie nformat li l-applikazzjoni tieghu giet approvata bin-numru tar-registrazzjoni fuq indikat, dan xorta ma nghatax il-permess relattiv peress li l-*file* tieghu intilef, u ghalhekk ippremetta li dan it-telf ta’ *file* ma ghandux iwassal sabiex huwa jig mcahhad dak li huwa tieghu u li minhabba dan kollu huwa kien qed isofri danni konsistenti f’telf ta’ negozju u telf ta’ qliegh u ghalhekk talab li (1) l-konvenuti jigu kkundannati jirrilaxxaw favur l-attur dak kollu necessarju sabiex jkun jista’ jopera l-*minibus* bir-registrazzjoni numru Y – 2337; (2) li jigu likwidata d-danni minhabba l-agir tal-konvenuti anke permezz ta’ periti nominandi; (3) tikkundanna lill-konvenuti jhallsu lill-attur l-ammont ta’ danni hekk likwidati.

Illi l-konvenuti hlief l-Awtorita’ dwar it-Trasport agixxew ghall-azzjoni attrici billi (a) fl-ewwel lok ecceppew li l-Ministeru tat-Trasport u Portijiet ma huwiex il-legittimu kontradittur peress li m’ghandux f’idejh il-mansjoni ta’ kuljum tad-dipartimenti tal-Gvern jew awtorita’ pubblika adetta bil-hrug ta’ licenzji ta’ *minibuses*; (b) li t-talbiet attrici ghandhom jigu michuda ghaliex ma jirrizultax li l-attur ghamel applikazzjoni u li gie assenjat in-numru ta’ registrazzjoni Y – 2337, tant li l-istess numru gie assenjat lill-terzi; din hija kwistjoni ta’ provi li l-attur ghandu l-oneru ta’ prova li jressaq, haga li ma rnexxielux jissodisfa; (c) gie wkoll ritenut li kemm id-Direttur ta’ Licenzji u kif ukoll il-Kummissarju tal-Pulizija ma kienux ser jirregistraw vetturi jekk mhux bl-approvazzjoni espressa tal-Awtorita’ tat-Trasport u jidher li din qatt ma ezistiet; (d) dwar l-ewwel talba la darba din hija azzjoni ta’ strarrig ta’ eghmil

amministrattiv kull ma tista' taghmel il-Qorti hija biss li tiddikjara l-istess eghmil bhala null u bla effett u allura mhux li tiehu d-decizjoni l-Qorti; (e) u dwar t-talbiet tad-danni dawn ghandhom jigu michuda ghaliex ladarba dak li qed jigi allegat jammonta ghal delitt jew kwazi delitt, l-istess allegati danni jistghu jinghataw biss skond l-**artikolu 495 (5)** f'kaz li jigi ppruvat li l-eccipjenti agixxew *in mala fede* jew b'mod mhux ragonevoli, li mhux il-kaz tant li lanqas hemm prova li qatt kien hemm rifjut ta' l-istess applikazzjoni u lanqas prova li l-attur kien b'xi mod imwieghed licenzja ghall-*minibus*.

Illi l-Awtorita' tat-Trasport min-naha taghha eccepiet li l-attur qatt ma gie assenjat in-numru ta' registrazzjoni Y – 2337, u li l-Awtorita' qatt ma nformat lill-attur li hija approvat l-applikazzjoni tieghu u allura l-Awtorita' mhux obbligata li taghtih il-permess rikjest; fuq kollox l-attur qatt ma pproduca dokumenti relattivi in sostenn tal-allegazzjoni tieghu u l-*file* relattiv ma giex mitluf mill-Awtorita' eccipjenti.

Illi fl-ewwel lok ser tigi trattata l-ewwel eccezzjoni tal-Ministeru tat-Trasport fejn issottometta li huwa mhux il-legittimu kontradittur u din il-Qorti thoss li gie ppruvat li l-applikazzjonijiet sabiex jinghataw il-Y – *plates* kienu setghu isiru fis-sena 1983 jew 1984 lill-Kummissarju tal-Pulizija u din tirrizulta mix-xhieda ta' Paul Galea (16 ta' Marzu 2004), Brian Farrugia u Joseph Caruana, u b'hekk certament li l-istess konvenut indikat ma kellu x'jaqsam xejn ma' dan; mhux hekk biss izda jirrizulta li in kwantu l-allegazzjonijiet attrici huma diretti ghall-telf ta' *file* dan jista' jirreferi ghall-perjodu bejn in-1975 sal-istess data u *in vista'* ta' dak li nghad hawn fuq din il-Qorti thoss li din l-ewwel eccezzjoni ghandha tigi milqugha fil-konfront ta' l-konvenut il-Ministeru tat-Trasport u Portijiet.

Illi dwar il-mertu ma hemm l-ebda dubju li huwa l-attur li ghandu l-oneru ta' prova ta' dak minnu allegat u dan *in vista* tal-principju *"ei qui allegat incumbit probatio"* u dan huwa affermat f'dak kontenut fl-**artikolu 562 tal-Kap 12** fejn hemm espressament stipulat li *"l-obbligu ta' prova ta' fatt imiss dejjem lil min jallegah"* **("Suzanne Xuereb vs**

**Gilbert Terreni"** – P.A. (RCP) 12 ta' Lulju 2001). F'ambitu ta' l-azzjoni odjerna dan ifisser li l-attur irid jipprova li kellu permess sabiex jopera *minibus* bin-numru G – 7702, li ghamel applikazzjoni sabiex l-istess *minibus* tinghata pjanci godda bl-ittra Y u wkoll li kif allega huwa nghata dan il-permess fuq l-istess *minibus* bin-numru Y – 2337.

Illi sabiex jipprova l-allegazzjoni tieghu l-istess attur qed jagixxi fuq ix-xhieda tieghu u fuq ix-xhieda ta' certu Joseph Urry li jinghad li kien jahdem bhala *driver* mal-attur (fol. 31), izda x-xhieda ta' dan ta' l-ahhar jidher li hija bbazata fuq dak li huwa stess jghid li qallu l-attur u ghalhekk certament li din tammonta ghal xhieda *"detto del detto"* u b'hekk mhux biss ma sserviex sabiex tipprova dak allegat fic-citazzjoni attrici, izda hija legalment inamissibbli in kwantu tirreferi ghall-istess allegazzjonijiet attrici fic-citazzjoni attrici **("Anthony Azzopardi vs Rita Azzopardi"** – P.A. (RCP) 29 ta' Mejju 2003); **"Joseph Ellul Sullivan vs Kontrollur tad-Dwana"** – P.A. (RCP) – 26 ta' Gunju 2002).

Illi dwar ix-xhieda tieghu l-istess attur jghid li huwa applika u dak li huwa sejjah bhala "tal-licenzji" baghtu ghalih u qalulu li kien gie assenjat in-numru Y – 2337 ghal din it-tip ta' *minibus*; jghid li mar xi granet wara fl-istess dipartiment b'diversi dokumenti in konnessjoni ma' din il-vettura u dawn il-karti tqeghdu fil-*file*, izda ftit wara ra in-numru Y – 2337 fuq vettura ohra u meta mar ghand tal-Licenzji qalulu li l-*file* kien intilef u baqa' ma nghatax licenzja.

Illi dwar din ix-xhieda din il-Qorti tinnota li l-istess attur ma gab ebda prova la biex jissostanzja l-allegazzjonijiet dwar l-applikazzjoni li jghid li huwa ghamel u wisq inqas dwar l-allegazzjoni li tali applikazzjoni giet milqugha; mhux hekk biss izda ghalkemm l-istess attur jaghmel riferenza ghal xi allegati persuni jew adetti tad-Dipartiment tal-Licenzji li informawh li l-applikazzjoni giet milqugha u li informah sahanistra li kien inghata l-pjanca Y – 2337, l-istess attur qatt ma indika min kienu l-istess xhieda; dan apparti l-fatt li ghalkemm l-istess attur jghid li ha d-dokumenti kollha lill-istess dipartiment wara li gie informat li l-applikazzjoni tieghu giet accettata u gie moghti n-numru Y – 2337,

huwa fil-fatt qatt ma spjega x'kienu dawn id-dokumenti hlief li fil-kontro-ezami jghid li dawn id-dokumenti kienu karti li kellhom fuqhom in-numru Y – 2337 (kontro-ezami 21 ta' Frar 2001 – u dan huwa kontrastanti max-xhieda minnu moghtija ghaliex huwa qatt ma qal li kien informat bl-iskritt li gie assenjat bin-numru Y – 2337 u din il-versjoni hija iktar *inverosimili* meta wiehed jikkonsidra li ma hemm ebda raguni ghaliex allura halla skond huwa dan id-dokument li jindika l-approvazzjoni tan-numru li qed jallega li inghatalu gdid ghand persuni li qatt ma identifika – u qatt ma spjega ghaliex halla dawn id-dokumenti hemm.

Illi mhux hekk biss izda hemm inkonsistenzi serji ohra fix-xhieda tal-attur tant li fl-affidavit tieghu huwa jghid li kien biss wara li ra vettura ohra fit-triq bin-numru Y – 2337 li huwa mar id-dipartiment tal-licenzji u kien hawn li l-ewwel darba infurmawh li l-*file* tieghu kien mitluf; pero' fil-kontro-ezami tieghu jghid mod iehor u cjoe' li meta gie informat li l-applikazzjoni tieghu kienet accettata, kien gie informat biex imur il-pitghada u kien hawn li qallulu li l-*file* ma nstabx.

Illi izjed minnhekk fil-waqt li huwa veru li jidher li l-istess *minibus* kien 12 *seater* (ara wkoll xhieda ta' Joseph Caruana, *general manager* tal-Public Transport Authority – 2 ta' Novembru 2000 – fol. 46) pero' bin-numru G – 7702 l-attur stess jammetti fil-kontro-ezami tieghu (21 ta' Frar 2001) li huwa ma kellux permess sabiex juza' l-istess ghall-gar ta' dak l-ammont ta' passigieri u dan huwa kkonfermat mill-fatt li skond il-polza ta' assikurazzjoni ghall-perjodu bejn l-4 ta' Awissu 1992 sal-31 ta' Lulju 1993 li kien hemm fuq l-istess vettura, il-koperta kienet biss ghal zewg (2) passiggieri (Dok. "JC 2" – fol. 68 u fol. 114) u skond ix-xhieda ta' Joseph Caruana (fol. 63 N) din il-vettura ma kenitx licenzjata biex igorr dak in-numru ta' passigieri bhala *public service vehicle.* Fil-fatt fix-xhieda ta' Vincent Farrugia mid-Dipartiment tal-Licenzji (6 ta' April 2004) jirrizulta li kull ma kellu l-attur registrat bin-numru G – 7702 kien biss a *private minibus.*

Illi dan bla dubju jikkontradixxi ghal kollox il-versjoni attrici, li mhux biss ma ghandha l-ebda element ta’ prova, izda mill-provi processwali jirrizulta li l-istess attur qatt ma nghata l-licenzja Numru Y – 2337 u wkoll lanqas biss jirrizulta li effettivament huwa ghamel applikazzjoni sabiex ikollu licenzja Y; fil-fatt jidher li fuq il-vettura G – 7702 stess lanqas kellu permess sabiex juzaha bhala *minibus* ghall-gar ta’ 12-il passiggier u x-xhieda kollha u d-dokumenti esebiti certament li bl-ebda mod ma jsostnu t-tezi attrici – anzi huma kontrastanti ghall-istess. Ta’ rilevanza huwa l-fatt li minkejja dak li jghid l-attur dwar applikazzjoni li suppost inghata lilu almenu fis-sena 1983 – jidher li fuq l-istess karozza almenu sas-sena 1993 jidher li lanqas fuq in-numru G – 7702 ma kellu permess u lanqas assikurazzjoni.

Illi mhux hekk biss izda jidher li fis-17 ta’ Lulju 1993 din il-vettura G – 7702 kienet rapportata nieqsa mill-attur stess u nstabet imwaddba ghal isfel il-bahar fejn Ghar Hasan Cliffs fis-17 ta’ Awissu 1983 (Dok. “JC 3” – fol.69 u fol.109) u dan huwa sinifikanti meta fil-kontro-ezami tieghu tal-21 ta’ Frar 2001 huwa ma semma xejn dwar dan, izda qal biss li dan il-van huwa wieqaf u ma huwiex tajjeb ghas-sewqan ghaliex huwa jghid li *“huwa zghir hdejn vannijiet ohra”.*

Illi jidher li hemm iktar minn hekk ghaliex fil-31 ta’ Lulju 1993 (Dok. “JC 5” - fol.71 u fol.106) l-attur rega’ kiteb lill-Kummissarju tal-Pulizija u qallu li huwa sid tal-van Reg. No G – 7702 li minhabba li nsteraq u nstab mormi *“ma huwiex fi stat li jissewwa”* u jghid li peress li dan il-van *“kien ta’ bzonn kbir ghalija u ghall-familja tieghi jiena ser ikolli nixtri van iehor bhalu biex inkompli naqdi l-bzonnijiet tieghi. Ghalhekk gentilment nitlob li nigi ezentat milli nhallas xi spejjez extra meta nixtri dan il-van peress li gejt misruq …….”* u jidher li din it-talba ma gietx milqugha (Dok. “JC 4 – fol. 70) peress li ma kenitx *policy* tad-Direttorat ta’ dak iz-zmien li tinghata licenzja ghal van li jkollu *side windows*, pero’ dak li huwa sinifikanti ghal dan il-kaz huwa li din hija wkoll versjoni li hija ghal kollox differenti minn dik li bbaza l-azzjoni attrici fuqha.

Illi wkoll mill-istess atti processwali jidher li kien hemm talbiet mill-attur sabiex jkun jista’ jibdel il-*minibus* Numru Reg. No. G – 7702 b’*minibus* ohra (Dok. “JC 3” - fol. 69 u fol. 102) u mbaghad hemm ittra datata 27 ta’ April 1994 (Dok. “JC 5 – fol. 71 u fol. 103) fejn jinghad li l-attur talab lill-Awtorita sabiex l-istess vettura tinghata permess sabiex tintuza bhala *minibus* u dan wara allura li din il-karozza kien giet misruqa lilu u nstabet mormija kif inghad u mid-dokumenti tieghu stess jidher li ma setghatx tintuza, tant li talab sabiex jigi ezentat milli jhallas xi spejjez ghall-vettura simili li kien behsiebu jixtri. Din il-Qorti tinnota li dwar dak allegat fic-citazzjoni ma hemm xejn; anzi l-istorja hija pjuttost differenti mill-allegazzjonijiet maghmula mill-attur f’din il-kawza.

Illi jirrizulta wkoll li fl-1 ta’ Gunju 1993 (Dok. “JC 1” (fol.64 u fol. 110) – xhieda ta’ Joseph Caruana (6.11. 2001 – fol. 63K) l-attur kien kiteb lill-Onorevoli Prim’Ministru Edward Fenech Adami fejn ressaqlu almenu zewgt ilmenti, (wiehed li m’ghandu x’jaqsam xejn mal-kaz in ezami) u jirrizulta li ghal dak li huwa relevanti ghall-kaz odjern, ghaliex jitratta dwar il-vettura G – 7702, huwa jallega li kienet saret ingustizzja mieghu peress li huwa sostna li *“fiz-zmien il-Gvern socjalista ghax kont hadt sehem f’dimostrazzjoni u li kien tnehhieli l-permess li nuza’ l-minibus Ford Transit, numru tar-registrazzjoni G7702, wara li nbidel il-Gvern applikajt kemm-il darba ghall-permess biex nerga nuzah imma qatt ma nghatali u lanqas tawni raguni ghaliex…”.* Certament li din il-versjoni tal-attur hija ghal darba ohra ghal kollox differenti minn dik progettata fl-azzjoni odjerna – kawza li saret hames (5) snin wara fis-6 ta’ April 1998.

Illi jidher li kien hemm *file* fuq il-vettura Reg. No. G – 7702 li mill-Awtorita’ infetah biss fin-1993 li hija s-sena meta l-attur kien kiteb lill-Onorevoli Prim Ministru ta’ dak iz-zmien u peress li ma nstabx il-*file* originali kien rikostruwit b’*file* iehor li jissejjah *“dummy file”* proprju sabiex l-ilmenti ta’ l-attur indirizzata lill-Onorevoli Prim Ministru jigu nvestigati; izda jidher li l-*file* kien miftuh l-ewwel darba fin-1975 u din is-sena tikkumbaccja mad-data ta’ registrazzjoni ta’ l-istess vettura li kienet fit-3 ta’ Lulju 1975 (kopja tal-*log*

*book* – Dok. “A” fol 5 u fol. 108); iz-zmien meta sar bdil ghall-pjanci bl-ittra Y naturalment ghall-vetturi li kienu ntitolati ghal dan u li applikaw skond ir-regolamenti vigenti dak iz-zmien kien fis-sena 1983 u l-hrug tal-istess kienu f’dak iz-zmien f’idejn il-Pulizija (anke jekk jista’ jkun taht it-*Traffic Control Board*) u ma jirrizultax bl-ebda mod li f’dak iz-zmien saret xi applikazzjoni mill-attur sabiex jinghata pjanca bl-ittri Y (ara wkoll xhieda ta’ Brian Farrugia – fol. 145), u wisq inqas li tali applikazzjoni giet milqugha; lanqas jirrizulta li b’xi mod xi hadd mill-Awtoritajiet kompetenti, nkluzi dawk ta’ dak iz-zmien informawh b’xi mod li tali applikazzjoni tieghu giet milqugha; u fl-ahharnett jirrizulta li registrazzjoni bin-numru Y – 2337 gie fil-fatt moghti lil persuna ohra u llum din tinsab registrata bhala IMY – 337 (Dok. “JC 7 – fol. 74). B’dan l-attur jidher li kien jaf snin ilu anke jekk wiehed joqghod biss fuq ix-xhieda tieghu permezz tal-affidavit.

Illi jirrizulta wkoll li kemm in-numru Y – 7702 kien jirreferi ghall-vettura differenti u kif ukoll li l-vettura li kienet registrata bhala Y – 2337 (u wara saret IMY – 337) ma kenitx l-istess karozza li kellha l-pjanci bin-numru G – 7702 (dik li kienet tal-attur) kif fuq indikat u kif jirrizulta mix-xhieda a fol. 54 minn Joseph Caruana u mil-*log book* relattiv tal-istess vettura. Skond l-imsemmi Joseph Caruana l-Awtorita’ tat-Trasport qatt ma kienet involuta f’dan il-kaz *ut sic* u l-involviment tal-istess Awtorita’ kien sehh biss meta l-attur kien kiteb fl-1 ta’ Gunju 1993 lil dak in-nhar l-Onorevoli Prim’Ministru Edward Fenech Adami kif inghad.

Illi din il-Qorti thoss li minn dan kollu jirrizulta li l-allegazzjonijiet kollha tal-attur ma gew bl-ebda mod ippruvati u dwar l-allegazzjoni li kien hemm *file* fuq il-vettura G – 7702 jirrizulta li fil-fatt kien hemm *file* meta l-permessi kienu jinhargu mill-Pulizija, u dan il-*file* tal-karozza ntilef, izda bl-ebda mod ma jista’ jinghad li l-pjanci Y ma gewx moghtija lill-attur minhabba li l-*file* intilef, izda jirrizulta li l-istess pjanci ma nghatawx lill-attur ghaliex qatt ma kellu permess ghall-istess, tant li jista’ jinghad li ma hemm ebda prova li l-istess attur issottometta applikazzjoni ghall-istess u wisq inqas li xi applikazzjoni

f’dak is-sens giet milqugha; anzi gie ppruvat li permess ta’ dak it-tip qatt ma inghata lill-attur u mhux biss izda l-pjanci Y – 2337 gew moghtija lil persuna ohra, u dawn qatt ma kienu tal-attur u ghalhekk l-ebda wiehed mill-konvenuti qatt ma setgha jaderixxi ghall-ewwel talba attrici.

Illi fuq din il-bazi din il-Qorti thoss li gie ppruvat li l-versjoni attrici ma hijiex kredibbli, la hija *verosimili*, hija kontradetta mill-provi kollha prodotti, u din il-Qorti hija konvinta li mill-provi processwali jirrizulta li l-istess attur qatt ma kellu l-permess Y – 2337 u mhux biss izda li l-vettura G – 7702 dejjem baqghet bl-istess pjanci sakemm spiccat misruqa u mormija, u li l-istess vettura qatt ma kellha l-pjanci mibdula b’xi mod u ghalhekk certament li t-talbiet attrici ma jistghux jigu milqugha.

Illi din il-konkluzzjoni ma gietx mehuda biss fuq il-bazi li l-istess attur naqas li jgib l-ahjar prova, izda hija fuq kollox ibbazata fuq il-fatt li mill-provi li jirrizultaw mill-atti processwali jirrizulta li l-istess huma kollox inkonsistenti u kontradittorji ghall-allegazzjonijiet attrici; anzi din il-Qorti thoss li mid-dokumenti stess li kiteb l-attur, u li ghalihom saret riferenza ampja f’din is-sentenza, huwa stess kemm-il darba ikkontradixxa l-versjoni tieghu u din il-Qorti thoss li f’dan il-kaz mhux biss l-attur ma ssodisfax l-oneru ta’ prova li kien jinkombi fuqu, izda li mill-kumpless tal-provi, jirrizulta li l-versjoni attrici ma hijiex kredibbli, wisq inqas verosimili u fil-verita’ kontradetta mill-atti processwali kollha. Dwar il-kumment li sar mill-attur fin-nota ta’ osservazzjonijiet fejn jghid li huwa *“ressaq l-ahjar prova sal-istadju ta’ prima facie”*, din certament ma hijiex il-prova necessarja sabiex tigi milqugha l-versjoni tal-attur f’dan il-kaz, u dan qed jinghad minkejja l-fatt li f’dan il-kaz din il-Qorti thoss li l-attur mhux biss lanqas ressaq provi li jipprovaw il-kaz tieghu sal-grad ta’ *prima facie*, anzi l-provi prodotti juru li l-versjoni tieghu ma hijiex kredibbli, u hija kontradetta mill-provi f’din il-kawza, b’mod li din il-Qorti thoss li ma tistax tilqa’ t-talbiet attrici, anke ghaliex il-versjoni tal-konvenuti giet b’mod konkludenti ppruvata f’dawk li huma fatti li sawru dan il-kaz. Fuq kollox id-dokumenti spediti mill-attur u esebiti f’din il-kawza huma kollha fatali ghall-versjoni attrici.

Illi jekk din il-Qorti thares lejn dak li nghad fis-sentenza **"George Bugeja vs Joseph Meilak" (**P.A. (TM) – 30 ta' Ottubru 2003) dwar evalwazzjoni tal-provi *da parte* tal-gudikant thoss li l-versjoni attrici tippekkja serjament mill-elementi ta' konsistenza, veracita', verosimiljanza, u kredibbilta' b'mod li l-istess allegazzjonijiet huma kontradetti mill-preponderanza ta' provi prodotti f'din il-kawza, u din il-Qorti thoss li fil-fatt f'din il-kawza kienu l-konvenuti li mhux biss irribattew ghall-istess allegazzjonijiet, izda li ppruvaw dak minnhom allegat, b'mod li din il-Qorti thoss li t-talbiet attrici mhux biss ma gew bl-ebda mod ippruvati, izda li gew addirittura kontrastati bil-provi tal-konvenuti, li fl-ahjar ipotesi jgibu fix-xejn il-pretensjoni attrici, b'mod li l-versjoni tal-konvenuti qed tigi accettata bhala veritiera u ppruvata.

Illi dwar dak li nghad fil-kaz **"Iris Dalmas vs Mons. Joseph Dalmas"** (P.A. (PS) – 12 ta' Jannar 2005) fejn inghad li *"meta ma tistax issir il-prova solita, u meta jkun hemm cirkostanzi partikolari u specjali li jistghu jispjegaw ghaliex ma tistax issir, hu dmir tal-gudikant li jirricerka provi ohra li jissodisfawh"*, jigi rilevat li f'dan il-kaz l-attur ma gab l-ebda prova ta' xejn, kemm li huwa ghamel l-applikazzjoni, u wisq inqas li b'xi mod l-istess applikazzjoni giet milqugha kif minnu allegat – u allura f'dan is-sens hemm nuqqas totali ta' prova; iktar minn hekk il-versjoni tal-konvenuti, mill-kumpless tal-provi, tirrizulta ppruvata, fis-sens li effettivament ma kien hemm ebda applikazzjoni u wisq inqas xi hrug ta' licenzja bl-ittra Y favur l-attur. Dan huwa kkonfermat proprju mir-ricerka li ghamlet il-Qorti mill-provi kollha prodotti li jikkonferma li l-allegazzjoni attrici ma hijiex kredibbli, mhux lanqas minhabba x-xhieda u d-dokumenti miktuba mill-attur stess, li jikkontrastaw mal-versjoni tieghu.

Illi konsegwenti ghall-istess it-talbiet attrici qed jigu michuda ghaliex huma nfondati fil-fatt u fid-dritt.

## <u>III. KONKLUZJONI.</u>

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tilqa' l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut il-Ministeru tat-Trasport u Portijiet u tillibera lill-istess mill-osservanza tal-gudizzju ghaliex mhux il-legittimu kontradittur, u fil-waqt li tilqa' l-eccezzjonijiet l-ohra tal-konvenuti l-ohra in kwantu konsistenti ma' dak hawn deciz, **tichad it-talbiet attrici** peress li huma nfondati fil-fatt u fid-dritt ghar-ragunijiet hawn decizi.

Bl-ispejjez kontra l-attur.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------